MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Numru. 302/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**David Strba (Karta tal-Identita` Slovakka bin-numru EB286120)**

**u**

**Zdenko Klein (Karta tal-Identita` Slovakka bin-numru EC512671)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati:

David Strba ta' 18-il sena, ta' nazzjonalita` Slovakka, iben Ondrej Holy u Klaudia Strbova, imwieled Slovakja nhar it-28 ta' Lulju 1995, residenti Flat 2, 108, Triq l-Izbark tal-Francizi, Mellieha, detentur tal-karta tal-identita` Slovakka bin-numru EB286120;

u

Zdenko Klein ta' 23 sena, ta' nazzjonalita` Slovakka, iben Zdenko Klein u Marie nee` Trojakova, imwieled Slovakja nhar it-28 ta' Marzu 1991, residenti Flat 2, 108, Triq l-Izbark tal-Francizi, Mellieha, detentur tal-karta tal-identita` Slovakka bin-numru EC512671;

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Lulju 2014 u fil-gimghat ta' qabel:

a) Ikkultivaw il-pjanta *Cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi waqt l-ezami taghhom, l-imputati wiegbu li m'humiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Lulju 2014, Pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga sabu tlett pjanti suspettati tal-*cannabis* fuq bejt komuni fi blokka ta' appartamenti. Saret tfittxija fl-appartament bin-numru 2 fl-istess blokka ta' appartamenti, ghaliex skond PS 839 Stephen Micallef[1] u PS 364 David Borg[2], dan jidher li kien l-uniku appartament li kien abitat dak il-hin. F'dan l-appartament, kien hemm tlett guvintur u zewg tfajliet u nstabu xi affarijiet relatati mal-uzu tal-*cannabis*[3] u fertilizzant tal-pjanti[4]. Iz-zghazagh in kwistjoni kienu z-zewg imputati, flimkien ma' Mario Bona li gew ilkoll arrestati. Sussegwentement, fl-appartament mar ukoll ir-raba' abitant tal-appartament, certu Martin Cabejsek li, fil-bidu tat-tfittxija kien qieghed fuq il-post tax-xoghol u li gie arrestat ukoll mal-ohrajn. Ritratti tal-pjanti in kwistjoni jidhru fir-relazzjoni esebita minn **PS 422 Neil Godwin Caruana**.[5]

---

[1] A fol. 101 tal-process.
[2] A fol. 108 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta' PS 839 Stephen Micallef (a fol. 100 *et seq* tal-process) li jsemmi pipa u *crusher* u jghid li dawn l-oggetti kienu f'diversi postijiet fl-appartament, b'xi whud minnhom fil-kmamar u whud fis-salott. PS 364 David Borg (a fol. 107 *et seq* tal-process) jghid illi mill-kamra tas-sodda li kienet tidher abitata minn tlett persuni ta' sess maskili elevaw karti tat-trembil tas-sigaretti, xi erba' bottijiet bit-tracci u zewg pipi bit-tracci. PC 733 Ryan Tonna xehed illi fil-kmamar tas-sodda nstabu zewg pipi u erba' konteNituri b'xi tracci ta' sustanza suspettata haxixa u li dawn kienu mal-affarijiet tal-imputat Strba (a fol. 113 *et seq* tal-process).
[4] Xhieda ta' PS 839 Stephen Micallef, a fol. 102 tal-process u xhieda ta' PS 364 David Borg, a fol. 110 tal-process.
[5] Esebiti a fol. 84 tal-process.

Mir-relazzjoni tal-espert, **ix-Xjenzat Godwin Sammut**[6], jirrizulta illi huwa nghata tlett dokumenti ghall-analizi, liema dokumenti kienu jikkonsistu fi tlett pjanti. Skond il-konkluzjonijiet tal-istess espert, fuq il-weraq tal-pjanti fit-tlett dokumenti instabu *trichomes*, fattizzi tal-weraq tal-pjanta tal-*cannabis* u fuq estratti mehuda mill-weraq fit-tlett dokumenti, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piz tal-weraq minghajr gheruq u zkuk kien ta' 16.26 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 3%.

Fix-xhieda tieghu[7], **PS 839 Stephen Micallef** qal illi waqt it-tfittxija fl-appartament in kwistjoni, il-pulizija nkluz hu, telghu fuq il-bejt flimkien mal-persuni prezenti fl-appartament, inkluz l-imputati, wara li dawn kienu diga` nghataw is-solita twissija u d-drittijiet taghhom. Qalu li dawn l-affarijiet, b'referenza ghall-pjanti, ma kinux jafu bihom, izda waqt li kienu qed jiccekkjaw ir-ritratti fil-*mobiles* tal-persuni prezenti, instabu ritratti ta' dawn il-pjanti tal-*cannabis* fil-gallarija tal-appartament. Ix-xhud qal illi meta gew rinfaccjati b'dawn ir-ritratti, ammettew li kienu jiehdu hsiebhom huma, li kienu jsaqquhom u jaghtuhom is-sustanzi. Spjega li fil-fatt instabu wkoll fertilizzanti tal-pjanti f'*unit* fis-salott tal-appartament. Qalu li l-pjanti kienu sabuhom fl-appartament u li kienu ta' xi habib taghhom u li baqghu jikkultivawhom huma. Mistoqsi min qal hekk, ix-xhud qal li kollha kemm huma qalu dan id-diskors, izda wara spjega li kien qed jirreferi ghat-tlett irgiel fil-fond u li n-nisa ma kellhomx x'jaqsmu f'din il-kwistjoni. Wara meta mistoqsi min tkellem minnhom, huwa qal illi l-izjed li kienu tkellmu, jekk ma kienx sejjer zball, kienu David u Zdenko u ghalkemm kien hemm Mario wkoll, dan beda jichad l-allegazzjonijiet kollha. Izda z-zewg imputati kkonfermaw u spjegaw kif kienu anke jsaqqu l-pjanti. Qal illi tkellmu bl-Ingliz u bdew juruh anke bis-sinjali, izda bl-Ingliz ftehmu sew, ghalkemm tkellmu b'Ingliz baziku. In kontro-ezami, ix-xhud qal illi ma hassx il-htiega li jgib interpretu ghaliex bdew jiftehmu. Qal illi dak il-hin fl-appartament, apparti l-imputati kien hemm Mario u li l-abitant l-iehor, Martin, kien xoghol, izda bghatu ghalih u ftit wara tkellem mieghu wkoll fl-appartament.

[6] A fol. 88 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 100 *et seq* tal-process.

Fix-xhieda tieghu[8] in kontro-ezami, **PS 364 David Borg** ikkonferma illi l-post in kwistjoni kien blokka ta' appartamenti, b'bieb ta' barra komuni u bieb tal-bejt komuni wkoll ghall-blokka kollha[9]. Qal li ma setghux jaghmlu tfittxija fl-appartamenti l-ohra tal-blokk ghax kienu mitfijin u ma kien hemm hadd fihom u ma kienx jaf jekk saritx tfittxija fl-appartament jew appartamenti ohrajn sussegwentement. In ri-ezami, ix-xhud qal illi huma kkomunikaw ma' dawn iz-zghazagh bl-Ingliz u li l-istess zghazagh fehmuhom lill-pulizija, ghalkemm jista' jkun li tkellmu b'Ingliz imkisser.

Fix-xhieda tieghu[10], **PC 733 Ryan Tonna** qal illi huwa kellem lill-imputati waqt it-tfittxija fl-appartament, li tkellem maghhom bl-Ingliz u li ftehmu meta tkellmu b'din il-lingwa.

Iz-zewg imputati rrilaxxjaw stqarrija fit-3 ta' Lulju 2014[11], bl-assistenza tal-interpretu Eva Farrugia, wara li nghataw id-dritt li jibqghu siekta, izda dak li jghidu jista' jingieb bi prova u wara wkoll li nghataw id-dritt li jikkonsultaw ma' avukat.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu[12], l-imputat **David Strba** meta muri oggetti relatati mal-uzu tal-*cannabis* li nstabu fil-kamra tas-sodda tieghu, ikkonferma li dawn l-oggetti kienu tieghu, izda qal li ma kien hemm l-ebda *cannabis* fihom. Qal illi kien ilu f'Malta ghal dawn l-ahhar tlett gimghat u li l-pjanti tal-*cannabis* li nstabu mill-Pulizija kienu diga` fuq il-bejt, li ghalhekk ma kinux tieghu u li ma jafx ta' min huma. Qal illi huwa jpejjep il-*marijuana*, li l-ahhar li pejjep il-*marijuana* kien xi gimgha qabel, li kien ilu jpejjep xi sena u li jpejjep biss il-*grass.* Qal illi l-oggetti li sarulu referenza ghalihom kien fihom il-*marijuana* qabel, izda li din kienet biss ghall-uzu personali tieghu. Qal illi fuq il-bejt, kien hemm tlett pjanti u li huwa kien rahom meta tela' l-ewwel darba fuq il-bejt, xi

[8] A fol. 107 *et seq* tal-process.
[9] Dan gie kkonfermat ukoll minn PC 422 Neil Caruana (a fol. 75 *et seq* tal-process). Il-bibien tal-blokk u tal-bejt jidhru wkoll fir-ritratti mehuda mill-istess PC 422 u esebiti a fol. 84 tal-process.
[10] A fol. 59 *et seq* tal-process.
[11] A fol. 61 *et seq* tal-process u a fol. 64 *et seq* tal-process.
[12] A fol. 61 *et seq* tal-process.

jumejn wara li wasal. Qal illi fl-appartament kienu jirrisjedu erba' rgiel u zewg tfajliet u li hu kien biss habib ta' Mario. Qal illi ma kienx jaf min izjed mill-ohrajn kien ipejjep il-*cannabis* ghaliex huwa kien ipejjep wahdu, hdejn il-bahar. Mistoqsi dwar ir-ritratti fuq il-*mobile* tieghu, huwa qal illi ma kien hemm xejn hazin li ha ritratti tal-pjanta u li hadhom ghax toghgbu din il-pjanta. Fir-rigward tar-ritratt fejn jidhru shabu, huwa qal illi kienu Mario, Zdenko u Martin li kienu qed ipejjpu l-*cannabis.* Ma kienx jaf min kien qed jiehu hsieb il-pjanti fuq il-bejt, ghaliex rari kien jitla' fuq il-bejt izda ma kienx hu. Qal illi qatt ma saqqa dawn il-pjanti.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu[13], il-ko-imputat **Zdenko Klein** qal illi huwa kien ilu f'Malta tlett gimghat u li kien wasal f'Malta ma' siehbu l-imputat l-iehor. Qal illi huwa kien pejjep il-*marijuana* fir-Repubblika Ceka xi erba' gimghat qabel, izda ma jpejjipx il-*marijuana*. Forsi b'kollox ha *marijuana* xi ghaxar darbiet f'hajtu. Huwa nnega li pejjep il-*marijuana* gewwa Malta. Qal illi fil-*mobile* tieghu kien hemm ritratt wiehed biss tal-pjanti tal-*cannabis* li nstabu fil-lejl ta' qabel u li hu sempliciment kien ha ritratt ghax rahom hemm. Qal illi huwa kien ra dawn il-pjanti l-ghada li wasal u li kienu fil-gallarija. Ma jafx min hadhom fuq il-bejt ghaliex dakinhar huwa kien barra jum shih. Meta wasal id-dar, il-pjanti ma kinux fil-gallarija u wara huwa rahom fuq il-bejt. Mistoqsi ta' min kienu l-pjanti u min kien jiehu hsiebhom, huwa qal illi meta huwa staqsa lil Mario jew lil Martin, xi hadd minnhom qallu li dawn kienu ta' Marco li kien jghix hemm qabel u li hu ma kienx jafu ghaliex dan telaq minn Malta. Ma kienx jaf min kien qed jiehu hsieb il-pjanti, ghax ma kienx ikun hemm matul il-jum u ma kienx jimpurtah mill-pjanti. Qal illi huwa ma kienx jiehu hsiebhom u mistoqsi min kien jiehu hsiebhom, huwa qal illi kienu l-ohrajn u cioe` Mario, Martin u forsi David, ghalkemm qatt ma ra lil David jiehu hsiebhom. Zgur illi Mario u Martin kienu jiehdu hsiebhom, ghaliex darba kien rahom telghin flimkien isaqqu l-pjanti u li kien rahom darba jsaqqu l-pjanti meta tela' fuq il-bejt. Fir-rigward ta' David, huwa qal illi ghalkemm rah fuq il-bejt, madankollu, qatt ma rah imiss il-pjanti. Innega dak suggerit lilu illi huwa kien wiehed mill-persuni li kien jiehu hsieb il-pjanti. Mistoqsi dwar ir-ritratt fuq il-*mobile* tieghu, jghid illi jidher Mario jpejjep u b'referenza ghall-ritratt iehor fejn jidher hu, huwa qal illi ma

[13] A fol. 64 *et seq* tal-process.

pejjipx, izda kien qed jipprepara l-*marijuana* ghal David permezz tal-weraq tal-*cannabis*. Qal illi l-*cannabis* kienet ta' Martin, izda Mario kien ghaddiha lilu biex jippreparaha. Qal illi David, Mario u Martin kollha kienu jpejjpu l-*marijuana* ghalkemm ma kienx jaf kemm ta' spiss. Sussegwentement, ammetta li kien pejjep il-*marijuana* f'okkazzjoni wahda f'Ghajn Tuffieha fil-jum li ttiehdu r-ritratti. Dakinhar kollha kienu qed ipejjpu l-*cannabis*, ghalkemm ma kienx cert jekk Martin kienx hemm.

Meta gie ssuggerit lilu illi fil-lejl ta' qabel, David u hu kkonfermaw mal-Pulizija illi t-tnejn li huma kienu jsaqqu dawn il-pjanti tal-*cannabis* li kien hemm fuq il-bejt, huwa qal illi ma kienx qal dan, izda qal li l-erbgha li huma ossia David, Martin, Mario u hu kollha kienu jiehdu hsieb il-pjanti, izda li dan ma kienx minnu u li qal dan biex ma jidhirx ikrah quddiem l-ohrajn. Ma kienx jaf ghalfejn David kien qal hekk. Huwa rega' rrepeta illi kienu Martin u Mario li jiehdu hsieb il-pjanti u li kien rahom darba jaghmlu dan u dwar David ma kienx cert. Dwar il-flixkun u l-basket bil-fertilizzant, qal li kienu hemm meta wasal, gewwa *cupboard*. Huwa qatt ma uza l-fertilizzant. Rega' qal illi huwa ma caqlaqx il-pjanti mill-gallarija ghal fuq il-bejt ghaliex dawn gew imcaqalqa meta ma kienx qieghed hemm u meta rritorna lura diga` kienu qeghdin fuq il-bejt.

Fix-xhieda tieghu, **Martin Cabejsek**[14] qal illi huwa kien ilu f'Malta madwar erba' xhur u jirrisjedi fl-istess appartament fejn jirrisjedu l-imputati. Huwa kkonferma l-kontenut tal-istqarrija li huwa kien irrilaxxja fit-3 ta' Lulju 2014, f'liema stqarrija huwa qal illi meta wasal Malta, f'Marzu jew April 2014, huwa beda jirrisjedi ma' habib tieghu, certu Mario, gewwa l-Mellieha u ghalkemm ghall-bidu, kienu jirrisjedu mieghu u ma' Mario, certu Marko u t-tfajla tieghu Leona, xi xahar qabel dawn telqu lejn il-Germanja u mmedjatament wara marru jghixu fl-istess residenza zewgt guvintur, hbieb ta' Mario. Dak iz-zmien kienu jirrisjedu fl-istess post ukoll, it-tfajla tax-xhud u l-habiba tieghu, Andrea u ghalhekk b'kollox kienu jirrisjedu fil-post sitt persuni. Ix-xhud qal ukoll illi f'dan il-blokk ta' appartamenti kien hemm biss zewg appartamenti, il-*washroom* u l-bejt. Dwar il-pjanti suspettati *cannabis*, qal li kien Marko li zera' dawn il-pjanti

[14] A fol. 15 *et seq* tal-process.

u x-xhud rah ukoll jiehu hsiebhom. Qal illi dan Marko kellu tlett pjanti u li qabel kien izommhom fil-gallarija, izda meta Marko telaq, l-ohrajn (b'referenza ghall-irgiel) haduhom fuq il-bejt ghaliex ix-xemx kienet tajba ghall-pjanti. B'referenza ghall-imputati, qal illi dawn kienu ilhom jiehdu hsiebhom ghal xi xahar. Qal illi xi kultant dawn kienu jitkellmu dwar kemm kibru l-pjanti, kemm isaqquhom u li jaqtawlhom il-weraq. Mistoqsi jekk huwa kienx jabbuza mill-*cannabis*, ix-xhud qal illi gieli pejjep il-*cannabis* u li kien ipejjep okkazzjonalment, xi darba f'gimgha jew f'hmistax u li kien ilu jaghmel dan xi sitt xhur. Qal li kien ipejjep il-*cannabis* f'kamartu fir-residenza tieghu. Mistoqsi jekk shabu kinux ipejjpu hafna *cannabis*, huwa qal li ma kienx jaf ghax ma tantx iqatta' hin maghhom, anzi xtaq li jitilqu mir-residenza ghax storbjuzi u ma jahdmux. Qal illi l-imputati kienu jqattghu l-izjed hin fir-residenza ghax mill-bqija, kulhadd kien jahdem. Qal ukoll illi meta Marko telaq lejn il-Germanja, huwa halla l-pjanti fil-gallarija u meta waslu l-imputati xi jumejn wara, dawn tellghuhom fuq il-bejt u bdew jiehdu hsiebhom. Fir-rigward ta' Mario, huwa qal illi meta wasal fl-appartament, kemm Mario, kif ukoll il-pjanti diga` kienu hemm, izda hu qatt ma rah jiehu hsiebhom, ghaliex ma tantx kien iqatta' hin fl-appartament. Kull ma kien qallu Mario dwar il-pjanti kien li jmisshom jarmuhom, izda wara waslu l-imputati u bdew jiehdu hsiebhom huma.

Sussegwentement, ix-xhud qal illi huwa ma rax lill-imputati jiehdu hsieb il-pjanti, izda probabbli kienu huma li kienu jiehdu hsiebhom, izda wara qal li huwa kien rahom isaqquhom. In kontro-ezami, ix-xhud qal illi huwa ma rax kif u minn min il-pjanti ttellghu fuq il-bejt mill-gallarija. Qal illi l-pjanti diga` kienu fil-gallarija meta huwa dahal fl-appartament f'April. Rega' kkonferma illi huwa ra lill-imputati jiehdu hsieb il-pjanti fuq il-bejt u li rahom darba fil-ghaxija u li dakinhar kien tela' fuq il-bejt biex jaqla' l-hwejjeg. Qal illi huwa qatt ma ghen lill-imputati fit-tisqija tal-pjanti. Qal illi Mario u hu biss kienu jpejjpu l-*cannabis*, ghalkemm wara qal illi anke l-imputati kienu jpejjpu l-*cannabis* u li gieli pejjpu l-*cannabis* kollha flimkien, b'dan illi kulhadd kien jixtri l-*cannabis* tieghu. Kien jaf illi l-pjanti kienu ta' Marko ghax kien zrahom hu u kien rah isaqqihom kuljum ghal perjodu ta' xahar. Qal ukoll illi l-bejt kien wiehed komuni bejn zewg appartamenti u li fl-appartament l-iehor kienu jghixu mara anzjana u bintha. L-appartament tieghu u ta' shabu kien dak fis-sular ta' fuq.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ossia dik li tikkontempla r-reat tal-kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis*, jibda biex jinghad fl-ewwel lok, illi minkejja illi l-pjanti in kwistjoni, kienu fuq il-bejt komuni ta' blokk ta' appartamenti – li skond ix-xhieda ta' Martin Cabejsek, kien jikkonsisti f'zewg appartamenti – u minkejja wkoll illi kemm il-blokk ta' appartamenti, kif ukoll il-bejt, kienu accessibbli minn bibien komuni, biss il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju mill-provi prodotti illi dawn originarjament kienu jinstabu fil-gallarija tal-appartament fejn kienu jirrisjedu z-zewg imputati u li wara dawn ittellghu fuq il-bejt tal-blokk. Li dawn il-pjanti kienu f'xi zmien jinsabu fil-gallarija tal-appartament, jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Martin Cabejsek li jghid li dawn il-pjanti kienu jappartjenu lil certu Marko, li kien diga` telaq minn Malta qabel il-kaz odjern u li dan Marko kien jsaqqihom fil-gallarija, kif ukoll mill-istqarrija ta' Klein li jghid illi l-ghada li huwa wasal Malta, huwa ra dawn il-pjanti fil-gallarija. Issa mill-provi migjuba, ma jirrizultax car min mir-residenti kien tella' dawn il-pjanti mill-gallarija ghal fuq il-bejt ghaliex ix-xhud Cabejsek ghalkemm fl-istqarrija tieghu, sussegwentement ikkonfermatha minnu bil-gurament, jghid illi l-imputati tellughhom fuq il-bejt, biss fix-xhieda tieghu, in kontro-ezami, jghid ukoll illi huwa ma rax il-pjanti jittellghu fuq il-bejt. Fl-istqarrija taghhom, in oltre, fil-waqt illi l-imputat Strba jghid illi huwa rahom l-ewwel darba fuq il-bejt, l-imputat Klein jghid illi xi hadd tellaghhom fuq il-bejt qabel gew il-genituri ta' Mario ghall-vaganza. Jirrizulta wkoll mill-istqarrija ta' l-imputat Klein, illi huwa stess jghid li kien ha ritratt ta' dawn il-pjanti fuq il-*mobile* tieghu, kif jghid ukoll l-imputat Strba fl-istqarrija tieghu. Minn dan kollu m'hemmx dubbju illi l-imputati kienu jafu b'dawn il-pjanti, kif ukoll illi kienu jafu li dawn kienu pjanti tal-*cannabis*. Kif indikat izjed 'il fuq, iz-zewg imputati kienu jabbuzaw mill-*cannabis* grass u ghalhekk certament illi kienu jafu f'hiex kienu jikkonsistu dawn il-pjanti. Biss dak li jrid jigi determinat mill-Qorti, ghal fini tal-ewwel imputazzjoni, huwa jekk jirrizultax mill-provi prodotti, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi l-imputati kienu huma stess jikkultivaw dawn il-pjanti.

Issa f'dan ir-rigward, hemm kunflitt bejn il-verzjoni moghtija min-naha l-wahda mix-xhud Martin Cabejsek, li jghid illi f'okkazzjoni wahda huwa kien ra lill-imputati jsaqqu dawn il-pjanti u min-naha l-ohra, mill-imputati fl-istqarrijiet rispettivi taghhom – bl-imputat Klein jghid illi kienu Mario u Martin li jiehdu hsieb il-pjanti in kwistjoni billi kien rahom isaqquhom f'okkazzjoni wahda fuq il-bejt u bl-imputat Strba min-naha l-ohra, jghid illi huwa qatt ma saqqa l-pjanti u li ma kienx jaf min kien jiehu hsiebhom. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dawn il-verzjonijiet u li kieku l-provi kienu jieqfu sa hawn, ghalkemm Martin Cabejsek irripeta kemm il-darba kemm fuq domandi tal-prosekuzzjoni, tal-avukat difensur u anke tal-Qorti, illi huwa kien ra lill-imputati jsaqqu l-pjanti f'okkazzjoni wahda, tenut kont ukoll madankollu illi l-guvintur kollha li kienu jirrisjedu fl-appartament, inkluz hu, kienu jpejjpu l-*cannabis* u li huwa bhala wiehed mir-residenti fl-istess appartament, fejn dawn instabu, kellu kull interess illi jixhet il-htija fuq haddiehor, il-Qorti kien ikollha r-rizervi taghha illi ssib htija fl-imputati a bazi ta' din ix-xhieda biss. Biss din m'hijiex l-unika xhieda li ghandha quddiemha l-Qorti, fir-rigward tal-involviment tal-imputati fil-kultivazzjoni tal-pjanti in kwistjoni.

Fix-xhieda tieghu, PS 839 Stephen Micallef jghid illi wara li kienu taw is-solita twissija u d-drittijiet taghhom lil dawk prezenti fl-appartament – ossia lit-tlett guvintur u z-zewg tfajliet li kienu jinsabu fil-post, inkluz ghalhekk lill-imputati – ghalkemm dawn ghall-ewwel cahdu li kienu jafu bil-pjanti in kwistjoni, sussegwentement meta rinfaccjati bir-ritratti fuq il-*mobiles*, dawn ammettew li kienu jiehdu hsieb il-pjanti, li kienu jsaqquhom u jaghtuhom is-sustanzi, li dawn kienu sabuhom fl-appartament u li baqghu jikkultivawhom huma. Meta mistoqsi mill-Qorti min kien qal dan il-kliem, ix-xhud wiegeb "*kollha kemm huma*" b'referenza ghat-tliet guvintur prezenti – izda wara fuq izjed mistoqsijiet, spjega illi Mario beda jichad l-allegazzjonijiet kollha, "*izda dawn it-tnejn ikkonfermaw u qaghdu jispjegaw li kienu anke isaqquhom u hekk*"[15]. Kemm dan ix-xhud, kif ukoll l-ufficjali l-ohrajn tal-Pulizija ossia PS 364 David Borg u PC 773 Ryan Tonna ilkoll xehdu illi huma kkomunikaw mal-imputati u n-nies prezenti bl-Ingliz u li setghu jiftehmu sew ghalkemm l-Ingliz taghhom kien baziku jew kif qal, PS 364 David Borg, imkisser.

[15] A fol. 103 tal-process.

Issa dwar din id-dikjarazzjoni tal-imputati ma' PS 839, lill-imputat Strba ma saritlu l-ebda domanda mill-Ufficjal Investigatur. Madankollu, dwar din id-dikjarazzjoni gie mistoqsi l-imputat Klein li fl-istqarrija tieghu qal illi huwa ma kienx qal illi hu u David jiehdu hsieb il-pjanti, izda kien qal li l-erbgha li huma ossia David, Martin, Mario u hu kienu jiehdu hsieb il-pjanti. Qal illi dan madankollu ma kienx minnu u li qal hekk "*because I did not want to look as the bad guy in front of the others*".[16] Issa l-Qorti ma tqisx din l-ispjegazzjoni tal-imputat Klein bhala wahda kredibbli jew attendibbli, ghaliex fil-fehma taghha, li kieku l-imputat Klein verament ma riedx jidher ikrah mal-ohrajn, ma kienx jitfa' t-tort fuq kulhadd kif jghid li ghamel, izda jew ma kien jghid xejn jew kien jinnega kollox u jieqaf hemm jew inkella fl-aghar ipotezi, kien jixhet it-tort fuqu biss. Il-Qorti ghalhekk a bazi tax-xhieda ta' PS 839 Stephen Micallef, li jghid li mieghu z-zewg imputati ammettew li kienu jsaqqu dawn il-pjanti u dan wara li diga` kienu nghataw is-solita twissija u d-drittijiet taghhom, liema xhieda l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita minnha u a bazi wkoll imbaghad tal-korroborazzjoni tax-xhud Martin Cabejsek, tqis illi gie ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputati kienu verament isaqqu il-pjanti in kwistjoni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Loreto Attard</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Gunju 1987, fejn inghad hekk:

*"Illi proprjament il-kuncett ta' kultivazzjoni hu aktar allaccjat ma' l-art milli ma' xi haga ohra, infatti s-soltu wiehed normalment jikkultiva l-art. Il-legislatur taghna pero` bl-iktar mod car uza l-kliem "jikkultiva l-pjanta Cannabis" u ghalhekk isegwi li wiehed jista' jikkultiva l-Cannabis kemm fl-ghelieqi kif ukoll fi qsari u kontenituri ohra u l-enfasi qieghed fil-kultivazzjoni taghha. Fil-fatt il-process ta' kultivazzjoni jibda mill-preparazzjoni ta' l-art sa ma jilhaq il-prodott pero` dan ma jfissirx per ezempju li persuna ma tkunx qed tikkultiva pjanta jekk ma tkunx zrat hi stess iz-zerriegha jew ippreparat l-art jew jekk l-art kienet ga`*

[16] A fol. 67 tal-process.

*tajba u ma kienx jehtiegilha preparazzjoni jew attenzjoni. Infatti persuna tista' tixtri pjanta jew takkwista wahda appena mnibbta u tkabbarha u b'daqshekk ma jistax jinghad li ma tkunx qed tikkultivaha. Kieku l-argument ta' l-appellant kellu sahha kieku persuna li tiehu minghand persuna ohra ghalqa mizrugha diga` bil-Cannabis u jkabbar il-pjanti u jara li jilhqu ghall-qtugh u processar ma jkunx hati li kkultiva l-pjanta Cannabis ghax ma jkunx ipprepara l-art u zera' z-zerriegha hu. Dan il-mod ta' interpretazzjoni tal-kelma kultivazzjoni pero` fil-fehma ta' din il-Qorti mhux hlief limitazzjoni li l-legislatur evidentement la xtaq jipprovdi u lanqas ipprovda u ghalhekk qed jigi deciz illi l-aggravju relattiv ta' l-appellant hu infondat."*

Huwa evidenti ghalhekk illi ghalkemm jirrizulta car illi ma kinux l-imputati illi zraw il-zerriegha biex b'hekk nibtu l-pjanti in kwistjoni, madankollu, anke l-involviment taghhom, tal-inqas bit-tisqija tal-istess pjanti, jammonta wkoll ghal kultivazzjoni ai termini tal-ligi. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni fil-konfront taz-zewg imputati tirrizulta ppruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, in kwantu jirrigwarda l-imputat Strba, jirrizulta mill-istqarrija tieghu, illi huwa wasal Malta xi tlett gimghat qabel, li huwa jpejjep il-*marijuana* ossia l-*cannabis*, li l-ahhar li pejjep il-*cannabis* kien xi gimgha qabel, li huwa jpejjep biss il-*cannabis* grass u li kien jixtri l-*cannabis* mill-Mellieha. Ghaldaqstant, it-tieni imputazzjoni tirrizulta wkoll sodisfacentement ippruvata fil-konfront tieghu.

Fir-rigward tal-imputat l-iehor, Klein, mill-istqarrija tieghu jirrizulta illi huwa wkoll kien ilu f'Malta xi tlett gimghat u li f'okkazzjoni meta kienu qeghdin gewwa Ghajn Tuffieha, huwa kellu fil-pussess tieghu l-weraq tal-*cannabis* sabiex jipprepara l-istess ghall-ko-imputat Strba. Ammetta wkoll illi dakinhar huwa kien pejjep il-*cannabis* flimkien mal-ohrajn. Ghaldaqstant, it-tieni imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata anke fil-konfront tal-imputat Klein.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-pjanti in kwistjoni kienu tlieta, wahda minnhom tassew zghira u illi l-piz tal-weraq, minghajr iz-zkuk u l-gheruq kien ta' 16.26 grammi, li ma tqisx bhala ammont sostanzjali.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputati li hija netta.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti qeghda tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva tassattiva fil-minimu taghha u qeghda taghmel l-istess fir-rigward tal-piena pekunjarja li fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni wkoll hija tassattiva.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(c), 8(d), 22(1B), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba fil-konfront taghhom u qeghda tikkundannahom ghall-piena ta' **sitt (6) xhur prigunerija effettiva** kull wiehed u **multa ta' seba' mija u ghoxrin Euro (€720)** kull wiehed li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 ghandha tithallas minnhom fi zmien tlett (3) xhur mil-lum.  Pero` jekk il-hatja jonqsu li jhallsu dan

l-ammont jew parti minnu, fi zmien lilhom preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, tordna lill-hatja jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti kemm dawk fl-istadju tal-*proces verbal* tal-inkjesta, kif ukoll dawk mahtura fil-proceduri, a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, hamsa u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmu (€225.62), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert PC422 Neil Godwin Caruana, ammontanti ghas-somma ta' hamsa u sittin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€65.75), u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' hames mija, erbgha u sittin Euro u tmenin centezmu (€564.80), b'kollox ammontanti ghas-somma ta' tmien mija, sitta u hamsin Euro u sbatax-il centezmu (€856.17), liema somma ghandha tithallas in kwantu ghan-nofs mill-imputat Strba u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-imputat Klein u dan fi zmien tlett xhur mil-lum. Madankollu, jekk il-hatja jonqsu li jhallsu l-ammont minnhom dovut jew parti minnu fiz-zmien lilhom preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti flimkien mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, kif ukoll bhala parti minn Dok. PG 11, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll ir-rilaxx tal-*mobile phone* esebit bhala Dok. PG 10 favur l-imputat Klein u r-rilaxx tal-*mobile phones* esebiti bhala Dok. PG 11 favur l-imputat l-iehor Strba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------